*14 ta' Diċembru, 2011*

**TWEĠIBA LIL TVM DWAR IĊ-ĊENSIMENT TAL-QUDDIESA**

Is-soltu meta jsir ċensiment tal-Gvern, isir ukoll ċensiment tal-attendenza tal-quddies. Din is-sena diġa ssemma li se jsir xi ħaġa. Qegħdin lejn l-aħħar tas-sena u għaddej iċ-ċensiment nazzjonali. Tal-knisja se jsir jew le? Jekk IVA meta se jsir? Jekk LE ghaliex?

Iċ-ċensiment tal-attendenza tal-Quddies tal-Ħadd, li ssoltu jsir b'mod parallel maċ-ċensiment tal-popolazzjoni, din id-darba mhux ser isir. Ir-raġuni hi li iċ-ċensiment tal-popolazzjoni din is-sena qed isir wara sitt snin u mhux wara għaxar snin kif dejjem sar.

Ġie deċiż li wasal il-waqt li jsir studju profond dwar l-attendenza tal-Quddies tal-Ħadd li ma jiġix limitat għan-numru ta' dawk li jattendu jew ma jattendux, imma li jiskopri r-raġunijiet wara l-attendenza jew in-nuqqas tagħha. Għalhekk ser issir analiżi kwalitattiva dwar dan, kif ser jiġi stipulat fil-pjan pastorali tal-Arċidjocesi għas-snin 2012 - 2014.

Meta ċ-ċensiment tal-popolazzjoni jsir għaxar snin oħra, hemm il-ħsieb li jerġa jsir ukoll iċ-ċensiment tal-attendenza tal-Quddies tal-Ħadd b'mod parallel.